



Brussell, 2 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9796/22

COH 47
SOC 334

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	2 ta' Ġunju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8980/22	
Suġġett:	It-tmien rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar it-tmien Rapport ta' Koeżjoni "Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (2 ta' Ġunju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tmien Rapport ta' Koeżjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali "Koeżjoni fl-Ewropa sal-2050", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali/Koeżjoni) fit-3875 laqgħa tiegħu fit-2 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar it-tmien Rapport ta' Koeżjoni

"Il-koeżjoni fl-Ewropa sal-2050"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. IFAKKAR li l-politika ta' koeżjoni għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas favoriti, u li tippromwovi l-iżvilupp ġenerali armonjuż tal-Unjoni;
2. JILQA' t-tmien Rapport ta' Koeżjoni bħala rendikont siewi tal-iżviluppi fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea, u l-analiżi tiegħu tal-kontribut tal-politika ta' koeżjoni f'termini ta' integrazzjoni, konverġenza u kompetittività, abbażi tal-istatistika l-aktar aġġornata;
3. JIRRIKONOXXI:
 - li t-tmien Rapport ta' Koeżjoni wasal fil-kuntest ta' kriżijiet differenti li qed jolqtu lill-Unjoni Ewropea (il-pandemija, diżastri naturali, aggressjoni militari) u ta' sfidi fit-tul (bħat-tibdil fil-klima u dak demografiku), b'konsegwenzi ekonomiċi, ambjentali u soċjali kbar għall-koeżjoni tal-Unjoni Ewropea;
 - li dawn l-isfidi u l-kriżijiet għandhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE u, bħala konsegwenza, jistgħu jżidu d-disparitajiet u l-inugwaljanzi, u joħolqu diversi sfidi għall-politika ta' koeżjoni;

4. JIEĦU NOTA tal-iżviluppi sinifikanti tal-aħħar għaxar snin:
- Il-koeżjoni ekonomika u soċjali fil-livell tal-Unjoni tgiebet, iżda l-konverġenza seħħet l-aktar minħabba tkabbir relattivament qawwi f'ħafna reġjuni anqas żviluppati, filwaqt li reġjuni b'introjtu medju qed jistaġnaw;
 - Sar progress sinifikanti fit-titjib tal-qagħda tal-impjiegi, iżda d-disparitajiet reġjonali għadhom akbar milli kienu qabel il-kriżi finanzjarja tal-2008;
 - Għad hemm distakk bejn ċerti reġjuni u distakki fl-istess reġjuni, li saħansitra anke qed jiżdiedu, u jidher li xi reġjuni nqabdu f'nassa ta' faqar;
 - Id-differenza fl-innovazzjoni reġjonali fl-Ewropa kibret. Barra minn hekk, xi reġjuni għadhom qed jesperjenzaw distakki fil-konnettività li jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jiksibu l-benefiċċji sħaħ tas-suq intern;
 - L-innovazzjoni, l-intraprenditorija, l-iżvilupp diġitali, iżda wkoll l-governanza tajba u, fejn meħtieġ, investiment fl-infrastruttura, huma elementi importanti għat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp fit-tul tat-territorji, għat-titjib tal-aċċess għal servizzi u għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini;
 - L-effetti tat-tibdil demografiku (il-migrazzjoni interna u esterna, it-tixjiħ, id-depopolazzjoni u l-eżodu tal-imħuħ) jinħassu fl-Istati Membri kollha, iżda b'mod partikolari fir-reġjuni anqas żviluppati u f'dawk rurali u periferiċi;
5. IFAKKAR fl-istima li jagħti lil politika ta' koeżjoni li tikkontribwixxi għal-riformi strutturali u investiment sabiex jinkisbu riżultati ekonomiċi u soċjali aħjar fir-reġjuni kollha, u li tiżviluppa fuq ċiklu ta' programmazzjoni fit-tul, u JENFASIZZA li r-Rapport jgħid li fuq żmien twil il-politika twassal għal benefiċċji għar-reġjuni kollha;

6. JISSOTTOLINJA li l-politika ta' koeżjoni, bħala politika bbażata fuq il-post u mirfuda minn ġestjoni kondiviża, sħubija u governanza fuq diversi livelli, għandha tqis sew il-bżonnijiet u l-potenzjal tat-territorji, sabiex tippermettilhom jimmiraw għall-investimenti l-aktar rilevanti lokalment, pereżempju permezz tal-istrategġiji ta' żvilupp lokali tagħhom jew tal-strategġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħhom, u għandha tfittex li b'mod konġunt tiżviluppa soluzzjonijiet integrati fil-livell reġjonali, subreġjonali jew interreġjonali, waqt li tiegħu rendikont ukoll tal-esperjenza ta' kooperazzjoni żviluppata permezz tal-programmi INTERREG, għal sjieda akbar tal-prijoritajiet Ewropej fuq il-post;
7. JAPPELLA għal sensibilizzazzjoni, b'mod ġenerali, dwar il-prinċipju li ma ssirx ħsara lill-koeżjoni fil-politiki u fl-inizjattivi kollha tal-UE, u fl-implimentazzjoni tas-suq intern, inkluż fir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, skont l-Artikolu 175 TFUE, u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni Ewropea biex tqis l-inklużjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali (verifika reġjonali) fil-politiki rilevanti tal-UE kemm fl-istadju tal-konċepiment tagħhom kif ukoll dak tal-evalwazzjoni.

I - Prijoritajiet aktar iffukati għal risponsi strutturali għal sfidi ewlenin billi jiġu sfruttati sorsi ġodda ta' tkabbir

IQIS li:

8. It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali huma sfidi ewlenin li joffru opportunitajiet ġodda għat-tkabbir Ewropew li lejha għandna nimmiraw l-investimenti tagħna u niżguraw adattament ġust, sabiex jiġu evitati disparitajiet ġodda li jfieggu ma' dawn it-tranżizzjonijiet;
9. L-innovazzjoni, l-intraprenditorija u d-diversifikazzjoni ekonomika kif ukoll il-governanza tajba jistgħu jkunu elementi determinanti importanti għat-tkabbir reġjonali fit-tul u għal reżiljenza akbar għal xokkijiet asimmetriċi;

10. Sabiex tingħata għajnuna lin-nies, lin-negozji u lit-territorji, speċjalment lill-muniċipalitajiet, iżda wkoll lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, sabiex imexxu t-tranżizzjoni ekoloġika 'l quddiem b'mod soċjalment ġust, jeħtieġ li jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, fit-tranżizzjoni tal-enerġija, u fit-tiżni tar-reżiljenza għar-riskji klimatiċi, sabiex jiġu previsti ekonomija sostenibbli u ċirkolari, u ambjent nadif u għani fil-bijodiversità, u jiġu mħeġġa jimplimentaw soluzzjonijiet imsejsa fuq in-natura;
11. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jappoġġa u jikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri għal soċjetà aktar ġusta u inklużiva;
12. Sabiex iċ-ċittadini jitħejjew aħjar biex ikunu jifilħu għat-tranżizzjonijiet fis-soċjetajiet tagħna, jeħtieġ li l-adattabbiltà u l-iżvilupp ta' ħliet ġodda jiġu appoġġati, fost l-oħrajn billi jissaħħu l-educazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali;
13. Sabiex jitnaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esklużjoni soċjoekonomiċi, il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġa l-integrazzjoni tal-aktar persuni vulnerabbli permezz ta' impjieġ ta' kwalità u servizzi soċjali u tas-saħħa ta' standard għoli;
14. Sabiex jitqiesu aħjar l-isfidi ewlenin li jġib miegħu t-tibdil demografiku, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, lill-konsegwenzi fuq is-sistemi tas-saħħa u fuq dawk soċjali tagħna, lit-territorji b'popolazzjoni li qed tiċkien, kif ukoll lit-territorji li għandhom diversi sfidi marbuta maż-żgħażaġh.

II - L-approfondiment tal-koeżjoni billi tiġi ankrata b'mod aktar sod fit-territorji

15. JIRRAKKOMANDA li l-politika ta' koeżjoni żżomm fokus qawwi fuq il-post;

16. JISSOTTOLINJA li l-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-għodod l-aktar importanti biex jitrawwem żvilupp f'reġjuni anqas żviluppati, kif ukoll politika ta' investiment ewlenija fl-UE, li għandha tibqa' tappoġġa l-investimenti meħtieġa għall-konverġenza u tevita n-nases ta' faqar fir-reġjuni kollha;
17. IFAKKAR fil-prinċipji fundamentali tal-Artikolu 174 TFUE, li jippromwovi l-iżvilupp armonjuż fir-reġjuni kollha u jagħti attenzjoni partikolari liż-żoni rurali, żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti, bħar-reġjuni l-aktar fit-tramuntana, dawk b'densità baxxa ħafna ta' popolazzjoni, u reġjuni li huma gżejjer, transfruntiera jew muntanjużi;
18. IFAKKAR ukoll fl-Artikolu 349 TFUE, li għandu jintuża biex jappoġġa l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi u biex jippromwovi politika ta' koeżjoni li, b'soluzzjonijiet differenzjati, tissodisfa l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom, issaħħaħ l-influwenza tagħhom, u tbiddel l-innovazzjonijiet imwettqa minn dawn it-territorji f'ġid;
19. HUWA TAL-FEHMA li l-gżejjer, it-territorji periferiċi u dawk imbiegħda, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi, iħabbtu wiċċhom ma' sfidi partikolarment serji, anke minħabba l-ispejjeż ogħla tat-trasport, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' approċċ inklużiv u speċifiku lejhom, sabiex jiġu appoġġati fit-tranżizzjonijiet tagħhom;
20. JAPPELLA biex il-kunċett ta' reġjuni maqbuda f'nassa ta' żvilupp jiġi investigat aktar u żviluppat sabiex jingħelbu l-isfidi li għandhom quddiemhom dawn ir-reġjuni, sabiex jiġu mifhuma aħjar il-fatturi li jwasslu għan-nassa ta' żvilupp fqir jew dawk li huma r-riżultat tagħha, u sabiex reġjuni ġodda ma jitħallewx jinqabdu f'din in-nassa;

21. Waqt li jtenni l-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE, IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' strateġiji lokali integrati, l-aċċess għall-appoġġ tekniku u t-tisħiħ tal-kapaċità fuq livell lokali, kif ukoll l-kooperazzjoni u l-bini ta' kuntatti fuq livell Ewropew bejn it-territorji rurali kif promoss mill-iżvilupp tal-Patt Rurali tal-UE;
22. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza ta' żvilupp urban sostenibbli, billi l-ibliet huma mutur għat-tranżizzjoni iżda fihom jikkonċentraw ukoll inugwaljanzi soċjoekonomiċi kbar, u JAPPOĠĠA r-rabtiet urbani-rurali, li lill-istrateġiji ta' żvilupp imsejsa fuq żoni funzjonali jagħmluhom attraenti, u li tingħata attenzjoni lir-rwoli moqdiya minn bliet żgħar u ta' daqs medju bħala żoni li jipprovdu "punti ta' riferiment" u "klijentela" biex jipprevjenu liż-żoni rurali milli jiċċien;
23. JAPPOĠĠA l-kapitalizzazzjoni u l-kondiviżjoni mifruxa tal-esperjenza tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, u l-istrateġiji makroreġjonali u dawk tal-baċiri tal-baħar, sabiex ilaħħqu mal-isfidi marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u mal-integrazzjoni tas-sistemi ekonomiċi lokali;
24. JISSOTTOLINJA l-potenzjal kbir ta' strutturi stabbiliti sew tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, mhux biss f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħall-pandemija tal-COVID-19, u JAPPOĠĠA l-isforzi kontinwi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali bejn ir-reġjuni tal-Ewropa;
25. JIRRIMARKA li r-reġjuni bi fruntiera mar-Russja u l-Belarussja, kif ukoll dawk li jmissu mal-Ukrajna u mar-Repubblika tal-Moldova, għandhom quddiemhom sett speċifiku ta' sfidi ekonomiċi u soċjali, minħabba l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
26. JISSOTTOLINJA li din is-sitwazzjoni għandha konsegwenzi importanti għar-reġjuni li qed iħabbtu wiċċhom ma' influssi ta' refuġjati u għall-UE kollha kemm hi, inkluż l-implikazzjonijiet fuq l-iżvilupp reġjonali marbuta mal-enerġija u l-inflazzjoni.

III - Proposti għat-titjib tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-fondi u l-aċċess tagħhom fit-territorji

27. JISSOTTOLINJA li l-politika ta' koeżjoni mhix strument ta' kriżi; madankollu, għenet lir-reġjuni biex itaffu l-impatt tal-kriżijiet reċenti, u JQIS li l-politika jeħtieġ li tkun tista' tadatta għal żviluppi ġodda, mingħajr ma ssir ħsara lill-oġettivi strutturali u fit-tul tagħha, speċjalment billi l-ewwel jiġu sfruttati d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-qafas legali attwali;
28. IQIS li l-istabbiltà tar-regoli tal-ġestjoni, il-kontroll u l-governanza bejn il-perjodi ta' programmar, iżda wkoll applikazzjoni aktar omoġenea u konsistenti tar-regoli, jistgħu jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-fondi;
29. JAPPELLA għal sforzi akbar fuq il-komunikazzjoni ma' pubbliku usa', għal aktar simplifikazzjoni u għal appoġġ u taħriġ bla waqfien lill-benefiċjarji jew sħab potenzjali, sabiex il-politika ta' koeżjoni titqarreb lejn iċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-Oġettiv ta' Politika 5;
30. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċità, tal-evalwazzjoni u tal-applikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda, sabiex kontinwament tittejjeb l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni u jiġu promossi programmi li jagħtu r-riżultati sinifikanti mixtieqa;
31. JAPPELLA biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tal-appoġġ tal-UE, taħt governanza tajba, b'mod trasparenti u f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa.

IV - Linji ta' ħsieb għal riflessjoni fil-futur

WAQT LI JISTENNA B'INTERESS li:

32. JIFTAĦ ir-riflessjonijiet dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027, sabiex jitfassal sett ta' regoli aktar sempliċi u effikaċi u biex jiġi evitata t-tendenza li l-fondi jiġu mmultiplikati;
33. JENFASIZZA l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji li jeħtieġ li jissaħħu ma' politiki u inizjattivi Ewropej rilevanti oħra mill-fażi tat-tfassil tagħhom sabiex tiżdied l-effikaċja ta' dawn il-politiki, u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, fuq ir-reġjuni u fuq il-benefiċjarji;
34. IKOLLU skambji regolari dwar il-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 bil-ħsieb li jfassal il-politika għal wara l-2027.